# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## MAGISTRAT: DR FRANCESCO DEPASQUALE

**Seduta ta' nhar it-Tnejn sitta u ghoxrin (26) ta' Ottubru 2015**

**Rikors Numru 208/15 FDP**

**WasteServ Malta Ltd**
**(C 30560)**

**Vs**

**Charles Bonnici**
**(ID 510754M)**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar is-17 ta' Lulju 2015 fejn is-socjeta attrici talbet lill-Qorti tikkundanna lill-konvenut thallsu s-somma ta' ghaxart elef, tmien mija u tnejn u tletin Euro u sebghin centezmu (10,832.70) rappresentanti bilanc dovut ghal servizz ta' rimi u depositu ta' skart u materjal fil-facilitajiet imsmemmix mis-socjeta rikorrenti.

Bl-ispejjez u imghax sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimat li huwa ingunt in subizzjoni.

Rat illi, fis-seduta tal-15 ta' Ottubru 2015, deher l-intimat illi stqarr illi huwa kien jaf li kien hemm bilanc dovut izda kien qed jaghmel pagamenti akkont u ghalhekk talab differiment sabiex jaghmel il-verifiki tieghu.

Rat illi fis seduta tat 22 ta' Ottubru 2015 is-socjeta rikorrenti ippresentat nota illi biha rriduciet it0talba rikjesta ghas-somma ta' ghaxart elef, tlett mija u tnejn u tletin Euro u tlieta u sebghin centezmu (10,332.73).

Rat illi fl-istess seduta l-intimat ammetta illi tali pendenza kiene dovuta u kien qieghed ihallasha bin-nifs.

Rat illi il-konvenut, debibitament notifikat, naqas illi jaghmel risposta kif ukoll illi naqas illi jidher ghas-seduta tal 22 ta' Ottubru 2015.

Rat illi l-partijet qablu illi l-kawza setghet tithalla ghas-sentenza abbazi ta' tali verbal.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat in-nota ta' riduzzjoni fuq imsemmija u wara illi semghet l-ammissjoni ta' l-intimat, issib li t-talba tal-istess attur kif korretta tirrizulta gustifikata w timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba attrici w tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' ghaxart elef, tlett**

**mija u tnejn u tletin Euro u tlieta u sebghin centezmu (€10,332.73) ghar-ragunijiet indikati fir-rikors.**

**Bl-ispejjez kontra l-konvenut w bl-imghaxijiet legali skond il-Ligi.**

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Magistrat**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Registratur**